MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Numru 400/2003

**Artikoli 226(1)(a)**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Ramon Mercieca**
**V**

**GEORGE AGIUS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GEORGE AGIUS** bin Carmelo u Georgina nee Camilleri, imwieled Pieta nhar l-hamsa ta' Jannar 1981 u li joqghod 137, Triq il-Kbira, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita` numru 46381 M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmienja ta' Mejju 2003 ghall-habta ta' nofsinhar neqsin kwart, gewwa Pinto Wharf, Floriana, b'nuqqas ta' hsieb bi trskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, feriti ta' natura gravi fil-gisem jew fis-

sahha ta' Beaudeaud Simone Micheline Clamens ta' nazzjonalita Franciza skond kif iccertifikat t-Tabiba Marie Rose Cassar MD ta' l-Isptar San Luqa.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha ta' Mejju 2003 esibit fl-atti markat bhala dokement CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Rat l-atti kollha processwali.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotta jirrizultra li l-allegata vittma Beaudeaud Simone Micheline Clamens ittajret mill-imputat f'lok aktar 'l fuq mill-entratura ghal fuq il-moll, quddiem il-Malta Maritme Authority fejn jitrakkaw il-*cruise liners*, fix-Xatt ta' Pinto.

Illi l-**allegata vittma Beaudeaud Simone Micheline Clamens xehed kemm fl-inkjesta nhar t-tmienja ta' Mejju 2003 fil-jum tal-incident kif wkoll aktar tard l-isptar quddiem l-imputat u cioe nhar d-disgha ta' Mejju 2003.**

Hija xehdet fiz-zewg okkazzjonijiet li dwar l-incident ma tiftakar xejn. Pero tispjiega li setgha kien il-kaz li kienet qed thares fid-direzzjoni opposta meta giet biex taqsam t-triq.

Illi Dottor Stefano Filletti fost esperti ohra, kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta sabiex jirrelata dwar l-incident stradali u mir-relazzjoni tieghu ppresentata fl-atti nhar d-disgha ta' Mejju 2003 jirrizulta s-segwenti:

1. Li l-imputat kien qed isuq vettura tat-tip Ford Fiesta bajda bin-nurmu ta' registrazzjoni ETM 018 fil-karreggjata li taghti lejn il-Marsa. Din il-vettura kellha reklam ta' Express Freights Limited. Din il-vettura kienet wieqfa f'nofs il-karreggjata.

2. Mal-bankina fuq in-naha tax-xellug tal-vettura kien hemm ghadd ta' vetturi pparkjati u proprju ma genb il-vettura in desamina kien hemm vettura ohra bin-nurmu ta' registrazzjoni GAB 502.

3. Kien hemm madwar 7.45metri ta' *brake marks* wara l-karozza. Il-*brake marks* kienu kollha fil-karreggjata li taghti fid-direzzjoni tal-Marsa.

4. Fejn in-*number plates* kien hemm roqgha demm fit-triq. Din kienet fil-post fejn waqfet Beaudeaud Simone Micheline Clamens.

5. Fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura kien hemm ghafsa quddiem r-*radiator* tal-vettura, fuq il-*bumper*.

Illi l-espert tekniku Joseph Zammit wkoll nominat fl-inkjesta, ippresenta r-relazzjoni tieghu l-Qorti quddiem l-imputat nhar d-disgha ta' Mejju 2003 u minn ezami tal-istess dokument markat bhala JZ, jirrizulta li mill-ezamijiet teknici kollha li huwa ghmel fuq il-vettura imsemmija, ma nstab bl-ebda difett fuqha li setgha kien il-kagun tal-incident imsemmi.

Il-Prosekuzzjoni naqset li tressaq xhieda okulari tal-incident u ghalhekk bhala provi dwar id-dinamika tal-incident, il-Prosekuzzjoni ressqet lil vittma biss.

**L-imputat pero xehed, kemm fl-inkjesta a tempo vergine tal-incident, nhar t-tmienja ta' Mejju 2003** fejn kkonferma li huwa impjegat mas-socjeta Express Trailers Limited u waqt li kien qed isuq il-vettura tal-marka Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni ETM 018 li hija tal-kumpanija, huwa laqat lil din il-mara ta' nazzjonalita Franciza.

Huwa spjiega li ghall-habta ta' nofsinhar neqsin kwart huwa kien ghaddej minn Pinto Wharf, fid-direzzjoni tal-Marsa b'xi erbghin kilometru fis-siegha, fuq in-naha tieghu tat-triq. Dak il-hin, mid-direzzjoni opposta kien hemm diversi vetturi gejjin. Fid-daqqa w il-hin ra mara quddiemu, waqaf f'daqqa u qabditlu mar-rota. Fuq in-naha ta' gewwa tieghu kien hemm ghadd ta' vetturi pparkjati.

Nhar il-hmistax ta' Mejju 2003 **xehed Mr Anthony Zammit** kirurgu fl-isptar San Luqa fejn spjiega li l-griehi li kellha din Beaudeaud Simone Micheline Clamens u cioe bid-daqqa li qalet, kienet qed tara doppju meta thares b'ghajnejha l-leminija lejn l-imnieher u ghandha diffikulta biex tgholli l-kappell tal-ghajn il-leminja. Fil-fehma tieghu din il-ferita kienet ser tkun wahda permanenti ghalkemm kellha tigi *re-assessed* wara certu zmien.

Illi ghalhekk il-Qorti ghamlet apprezzament tal-fatti prodotti u bir-rispett kollu thoss li l-Prosekuzzjoni m'irnexxilhiex tipprova l-elementi rikjesti f'dan ir-reat.

**Ghalhekk wara li l-Qorti rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddecidi li ma ssibx lil imputat GEORGE AGIUS hati tal-akkluza kif addebitata lilu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------